Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2272**

tal-15 ta' Diċembru 2016

dwar l-ekwivalenza ta' swieq finanzjarji fl-Awstralja skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 342, 16.12.2016, p. 48)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2207 tat-13 ta' Ottubru 2023	L 2207	1	17.10.2023

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2272

tal-15 ta' Diċembru 2016

dwar l-ekwivalenza ta' swieq finanzjarji fl-Awstralja skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-punt 7 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, is-swieq finanzjarji awtorizzati fl-Awstralja u stipulati fl-Anness għandhom jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għal swieq regolati kif definiti f'punt (14) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼**M1**

ANNESS

Swieq finanzjarji awtorizzati fl-Awstralja meqjusa ekwivalenti għal swieq regolati:

(a) ASX Limited,

(b) Australian Securities Exchange Limited li tinnegozja bħala ASX 24,

(c) Chi-X Australia Pty Ltd li tinnegozja bħala Cboe Australia,

(d) FEX Global Pty Ltd.